

Brussell, 9 ta' April 2018
(OR. en)

Fajls Interistituzzjonali:
2016/0006 (NLE)
2016/0004 (NLE)

7307/1/18
REV 1

UD 61

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Nru dok. Cion:	ST 5516/16 + ADD 1
Suġġett:	Abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u New Zealand dwar il-kooperazzjoni doganali u l-assistenza amministrattiva reċiproka f'materji doganali - Adozzjoni

1. Fil-21 ta' Jannar 2016, il-Kummissjoni ppreżentat lill-Kunsill Proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u New Zealand dwar il-kooperazzjoni doganali u l-assistenza amministrattiva reċiproka f'materji doganali. Il-Proposta hi bbażata fuq l-Artikolu 207 flimkien mal-Artikolu 218(6)(a) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.
2. Fil-laqgħa tiegħu tas-27 ta' Jannar 2016, il-Grupp ta' Ħidma dwar l-Unjoni Doganali laħaq qbil dwar it-test tal-proposta.
3. Fl-10 ta' Ottubru 2016, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni tiegħu¹ dwar l-iffirmar tal-Ftehim ta' hawn fuq.
4. Il-Ftehim ġie ffirmat fit-3 ta' Lulju 2017.

¹ Kif stabbilit fid-dok. ST 7661/16 UD 75

5. Fis-17 ta' Lulju 2017, il-Kunsill adotta t-talba għall-approvazzjoni tal-Parlament Ewropew biex jikkonkludi l-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u New Zealand dwar il-kooperazzjoni doganali u l-assistenza amministrattiva reċiproka f'materji doganali.²
6. Fit-13 ta' Marzu 2018, il-Parlament Ewropew ivvota favur id-Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u New Zealand dwar il-kooperazzjoni doganali u l-assistenza amministrattiva reċiproka f'materji doganali.³
7. F'dan l-isfond, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa għaldaqstant mistieden jissuġġerixxi lill-Kunsill jadotta, fil-parti "A" tal-aġenda ta' laqgħa li jmiss, id-Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u New Zealand dwar il-kooperazzjoni u l-assistenza amministrattiva reċiproka f'materji doganali, kif tinsab fid-dokumenti 7712/16 UD 79 u 7682/16⁴ UD 77 (testi ffinalizzati mill-ġuristi-lingwisti).⁵
-

² Kif stabbilit fid-dok. ST 7712/16 UD 79

³ Kif stabbilit fid-dokument tal-PE P8_TA-PROV (2018) 0062

⁴ + REV 1 fil-lingwi kollha barra EN, EL, FI, GA, IT; + REV 2 fLT

⁵ **F'konformità mal-Artikolu 218 (6) tat-TFUE, il-Parlament Ewropew ser jiġi infurmat bid-Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni, u ladarba tiġi adottata, id-dokumenti jiġu trasmessi lill-Parlament.**